MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 71/2006

Maltacom p.l.c. (C22334), u b'Digriet ta' l-10 ta' Dicembru 2007, l-isem Maltacom plc inbidel ghal GO p.l.c.

Vs

Petroni Centre Limited (C18781).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm251.71), in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 237100 u 226205. Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas diversi drabi, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet (i) illi fl-ewwel lok skond il-kont tal-Maltacom numru 110C008044 mahrug fil-15 ta' Novembru 2001 l-istess Maltacom ma kien ghad baqaghla ebda kreditu kontra Petroni Centre Limited u minn dakinhar 'l hawn l-istess Petroni Centre Limited qatt ma giet interpellata thallas xejn, u ghalhekk it-talba attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni tal-hames snin skond artikoli 2151 u 2156 tal-Kodici Civili; (ii) illi fit-tieni lok it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes anki fil-mertu ghaliex kif gja inghad, kwalunkwe debitu li seta' kellha s-socjeta' konvenuta (li bhala fatt ilha snin wieqfa milli topera) mas-socjeta' attrici ilu li gie saldat snin u llum m'ghandha xejn x'taghti lill-attrici.

Ra d-Digriet tieghu tal-10 ta' Dicembru 2007.

Sema' x-xhieda ta' Richard Carabott prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Simon Petroni prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi t-talba ghal hlas ta' l-ammont ta' Lm251.71 maghmula mis-socjeta' attrici qed issir a bazi ta'zewg servizzi telefonici li nghataw lis-socjeta' konvenuta, u cioe l-ewwel servizz bin-numru 237100, fejn l-ammont allegatament dovut huwa ta' Lm240.43, u t-tieni servizz bin-numru 226205, fejn l-ammont allegatament dovut huwa dak ta' Lm11.28.

Illi s-socjeta' konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha fl-ewwel lok eccepiet illi skond kont mahrug mill-istess socjeta' attrici fil-15 ta' Novembru 2001, jirrizulta li s-socjeta' attrici

ma kien ghad fadlilha ebda kreditu kontra s-socjeta' konvenuta, u gjaladarba din ta' l-ahhar qatt ma giet interpellata ghall-hlas, kwalsiasi talba kontra taghha hija preskritta bil-preskrizzjoni tal-hames snin skond l-artikoli 2151 u 2156 tal-Kodici Civili.

Illi in sostenn ta' din l-eccezzjoni, s-socjeta' konvenuta esebiet kopja tal-kont numru 110C008044, datat 15 ta' Novembru 2001, rigwardanti s-servizz telefoniku bin-numru 237100, (vide Dok. LC5 a fol. 69 tal-process) fejn hemm indikat bic-car illi dan is-servizz jinsab ghand is-socjeta' konvenuta Petroni Centre Limited, u fejn jidher illi l-ammont ta' Lm240.43 li kien pendenti, ma baqax dovut, ghaliex apparti li fl-istess kont jidher li tali ammont gie mnaqqas, jinghad ukoll il-kliem '***ammont dovut li jrid jithallas - 0.00***'

Illi s-socjeta' konvenuta ghalhekk ghandha ragun tikkontendi li m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici fir-rigward tas-servizz telefoniku bin-numru 237100, ghaliex wara kollox dan jirrizulta car minn dokument mahrug minnha stess, u ma hemm l-ebda prova ohra li ghandha twassal dan it-Tribunal sabiex jemmen li l-ammont ta' Lm240.43 rega sar dovut mis-socjeta' konvenuta f'perjodu sussegwenti.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, jidher li mill-kont fuq imsemmi datat 15 ta' Novembru 2001, sad-data meta s-socjeta' attrici nnotifikat lis-socjeta' konvenuta b'ittra ufficjali fejn talbet il-hlas ta' l-ammont imsemmi, ma ghaddewx hames snin, ghaliex l-ittra hija datata 22 ta' Settembru 2005, u giet notifikata lis-socjeta' konvenuta fl-1 ta' Novembru 2005. B'hekk il-perjodu preskrittiv gie interrott skond il-ligi. Illi pero, fir-rigward tas-servizz telefoniku bin-numru 226205 fejn qed jintalab l-ammont ta' Lm11.28, jidher mid-dokument esebit mis-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process, illi l-ahhar tranzazzjoni saret fid-19 ta' Marzu 1999, u minn dakinhar 'l hemm ma saret l-ebda interpellazzjoni ghal xi hlas da parti tas-socjeta' attrici, hlief permezz tal-ittra ufficjali fuq imsemmija, u cioe wara li ghaddew hames snin. Ghalhekk it-talba ghall-hlas ta' dan

l-ammont huwa fil-fatt preskritt b'eghluq hames snin skond l-artikolu 2156(f).

Illi fl-ahharnett, it-Tribunal jidhirlu li l-argument tas-socjeta' attrici, u cioe li alavolja n-numru tat-telefon gie trasferit ghand klijent gdid, l-ammont allegatament dovut dejjem jibqa jghajjat il-klijent precedenti (f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta), ma jreggi xejn ghas-segwenti ragunijiet. Fl-ewwel lok, is-socjeta' attrici ghogobha tohrog *statement* li juri li s-socjeta' konvenuta ma kellha taghti xejn wara li n-numru gie trasferit ghal ghand klijent iehor. Dan gie ammess mill-uniku xhud prodott mis-socjeta' attrici, Richard Carabott, meta spjega li kien hemm *transfer* tan-numru telefoniku minn klijent wiehed ghal klijent iehor, u filwaqt illi l-account ta' l-ewwel klijent gie jidher bhala zero, l-ammont pendenti gie trasferit ghall-account il-gdid. Ghalhekk is-socjeta' attrici se mai kellha tipprocedi kontra l-klijent il-gdid ghall-ammont minnha mitlub.

Oltre dan, l-istess xhud jispicca jmeri lilu nnifsu meta jkompli jispjega li sabiex isir *'transfer'* ta' servizz telefoniku, wiehed l-ewwel irid ihallas kull ma hemm pendenti fuq dik il-linja. It-tezi tieghu pero taqa fl-assurd meta jkompli jzid jghid illi alavolja dan jissejjah kont *'up to date'*, fil-fatt ma jkunx kont komplut u jkun ghad fadal x'jithallas! It-Tribunal jidhirlu li jekk il-procedura tas-socjeta' attrici hija daqshekk konfuza u kontradittorja, zgur li m'ghandux ibghati l-konsegwenzi ta' dan il-klijent.

Fl-ahharnett it-Tribunal jidhirlu li hija ferm u ferm izjed kredibbli t-tezi tax-xhud Simon Petroni prodott mis-socjeta' attrici, li spjega illi kienet saret talba da parti tas-socjeta' konvenuta sabiex il-linja telefonika bin-numru 237100 tigi trasferita minn Petroni Centre Limited ghal Alf. Petroni Limited, u li sabiex sar dan it-*transfer* kellu jithallas kull ma kien hemm pendenti fuq din il-linja, tant hu hekk illi l-hlas sar, kif jidher mid-dokument LC5, u s-servizz gie trasferit.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u b'hekk jichad it-talba attrici. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' attrici.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------